MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1516/2003

**Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Zammit La Rosa Footwear Limited abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**Concorde International Freight Forwarders Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1243.56 (elf mitejn tlieta u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) rapprezentanti valur ta' hsarat f'merkanzija ikkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Peress illi s-socjeta` attrici Zammit La Rosa Footwear Limited kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta u meta l-imsemmija merkanzija giet ikkonsenjata, irrizulta li kien hemm in-nieqes.

Peress illi ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni relattiva s-socjeta` attrici hallset lill-assigurata taghha s-somma ta' Lm1143.56 pltre ghal Lm100 survey fees u ghalhekk is-socjeta` attrici hija surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha.

Peress illi s-socjeta` konvenuta hija ghalhekk debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf mitejn tlieta u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1243.56), rapprezentanti l-valur tal-hsarat fil-merkanzija appartanenti lill-assigurata tas-socjeta` attrici u ghall-ispejjez tas-survey rellattiv, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Long Beach Bridge, fis-6 ta' Settembru 2002, liema danni diga thallsu mis-socjeta` attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mis-16 ta' Ottubru 2002 u bl-ispejjes kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa` ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi d-ditta konvenuta ma kienet tahti ghal ebda nuqqasijiet u ma ghamlet ebda hsara tall-assigurati tal-atturi;
3. Illi d-ditta konvenuta m'hijiex responsabbli tal-hsarat allegati mid-ditta attrici u ma wettqet ebda nuqqas;
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandhom japplikaw ir-regoli ta' CMR li jillimitaw l-ammont ta' danni li ghalihom jistghu jkunu responsabbli l-konvenuti;
5. Illi ghalhekk f'kull kaz l-ammont li ghalih jistghu jkunu responsabbli l-konvneuti huwa anqas minn dak mitlub fl-Avviz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi mhux kontestat da parti tas-socjeta’ konvenuta li gew kuntattati mill- assigurat tas-socjeta’ attrici biex igibulhom Malta merkanzija minn barra. Mhux kontestat lanqas li kien hemm neqsin zewg (2) kaxxex. L-oggezzjoni taghha jirrigwardja l-ammont ta’ kumpens talvolta pagabbli.

Illi s-socjeta konvenuta qed tistrieh fuq il-Bill of Lading esibita bhala Dok x a Fol 37 specjalment klawsola numru 3 dwar limitazzjoni ta’ responsabbilta.

Jirrizulta pero’ li dak il-kuntratt ta’ garr sar bejn il-principali tas-socjeta’ konvenuta (li ghaliha ghalhekk qed jagixxu) u s-socjeta’ estera Alfa Slioe Co Ltd – ossia l-consignor. Il-consignor hija precizament is-socjeta’ lokali li nkarigat lis-socjeta’ konvenuta. Di fatti dawn il-klawsoli jitkellmu fuq relazzjoni consignor u freight forwarder u hekk ghandhu jkun billi r-relazzjoni kontrattwali hija bejniethom. Is-socjeta’ lokali klijenti tas-socjeta’ konvenuta huma totalment estravei ghal din ir-relazzjoni.

Illi s-socjeta’ konvenuta ma tistax tippretendi differentement ossia li r-responsabilta taghha fil-konfront tal-klient lokali hija limitata. Fl-ewwel lok ghax ma gie esibit l-ebda ftehim f’dan is-sens. Kellha ragun tirreklama s-socjeta’ assigurata li ma kenitx taf b’dan ir-rifivelat. Fit-tieni lok dik ir-relazzjoni hija res inter alios acta ghaliha. Is-socjeta konvenuta assumit li r-responsabbilita ghat-trasport fil-kaz ta’ nuqqas u/jew hsara, ma kelhiex tbati s-socjeta’ lokali taghha. Dak tarah ma min inkarigat is-socjeta` assigrattiva estera a spejjes tal-klijenti lokali biex tezimi ruhha mir-responsabbilta.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet konvenuta jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna thallas is-somma ta’ Lm1143.56 bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------